BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 08/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 18 ta' Awwissu 2009 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Bernardette Pace** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 07/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u R.Zahra issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/08 -* Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet relatati mal-ftuħ uffiċjali ta' 'Dar L-Ewropa' ser isir Quiz organizzat mir-Rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea f'Malta u mill-Uffiċċju tal-Parlament Ewropew. L-idea hi li b'dan il-quiz il-lokalitajiet jedukaw lill-udjenza fuq l-Unjoni Ewropea. Huma qed jistiednu rappreżentant mill-Kunsill sabiex jattendi laqgħa nhar it-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2009 sabiex jagħtuna aktar informazzjoni. Il-Kamra qablet li s-Sur Anthony Roberts ikun ir-rappreżentant tal-Kunsill sabiex jattendi din il-laqgħa.

*02/08 -* Schembri & Sons. Ltd., fir-rigward ta' Batterija Ferretti, qegħdin jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex jawtorizza u japprova x-xogħol li jikkonsisti f'pavimentar għal skop pubbliku. Is-Sindku rrimarka li dan ix-xogħol ta' pavimentar ser jostakola it-tkomplija tal-*promenade* minn San Ġorġ sa Triq Il-Qajjenza, fejn diġa hemm pjanti eżistenti għand id-Dipartiment tax-Xogħlijiet. Għaldaqstant il-Kamra qablet li ma tapprovax dan ix-xogħol fl-interess tar-residenti.

*03/08 -* Fit-22 ta' Lulju 2009 il-Kunsill ġibed l-attenzjoni ta' Birżebbuġa St.Peter's F.C. rigward manutenzjoni li hemm bżonn li ssir fil-grawnd tal-Bajja s-Sabiħa. Is-Segretarju tal-Klabb bagħat jinforma lill-Kunsill li dan il-grawnd ġie rranġat kemm il-darba pero' dejjem għalxejn. Il-Klabb iħoss li l-grawnd hu ta' periklu sabiex jintuża pero' m'huwiex f'pożizzjoni finanzjarja biex jirranġah. Għaldaqstant fid-dawl tal-kuntratt li jorbot iż-żewġ partijiet, il-Klabb lest li jsegwi kull

deċiżjoni tal-Kunsill fir-rigward it-tmexxija tal-grawnd. Il-Kamra qablet li tagħmel laqgħa ma' rappreżentanti tal-Klabb Birżebbuġa St.Peter's F.C. sabiex jiġi diskuss x'hemm bżonn li jsir.

***AĠENDA -3***

Il-Kunsill irċieva stedina mill-Kunsill Lokali ta' Porto San Giorgio ġewwa l-Italja. Huma qegħdin jistiednu delegazzjoni minn fost il-Kunsillieri għal April sabiex jattendu għal festa tal-lokal kif ukoll jiġi diskuss x'inizjattivi jistgħu jittieħdu għaċ-ċittadini taż-żewġ lokalitajiet. Il-Kamra apprezzat din l-istedina u tħoss li hu tajjeb li żewġ lokalitajiet simili jibdew taħditiet sabiex joffru opportunitajiet ġodda lir-residenti. Pero' minħabba li fil-preżent il-Kunsill m'huwiex f'pożizzjoni finanzjarja li jonfoq flus għal dan il-għan, il-Kamra qablet li l-Kunsill għandu japplika għal fondi mill-EU sabiex jiffinanzja l-ispejjeż li torbot magħha stedina bħal din. Il-Kunsill m'huwiex lest li jikkommetti ruħu mal-lokalita' ta' Porto San Giorgio qabel ma jkollu konferma mill-EU għal għajnuna finanzjarja. Kulħadd qabel.

***AĠENDA -4***

Bħala parti mir-riforma tal-Kunsilli Lokali, l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill ser jibda jiftaħ nhar ta' Sibt bejn it-8.00am u 11.30am. Wara diskussjoni l-Kamra qablet li l-uffiċċju għandu dejjem jinfetaħ b'mhux anqas minn żewġ impjegati. L-ewwel għandha tinħareġ sejħa fost l-impjegati tal-Kunsill fuq bażi volontarja. Il-Kamra qablet ukoll li minħabba l-problemi li jistgħu jinqalgħu meta tibda titħaddem is-sistema, bħal f'każi ta' *leave* u *sick*, għandha timpjega *part-timer* nhar ta' Sibt u l-impjegati li jagħżlu li jaħdmu s-Sibt jaħdmu b'sistema ta' *roster* u jidħlu xogħol mal-*part-timer*. Kulħadd qabel li fis-Seduta li jmiss , meta s-Segretarju Eżk. ikollu d-deċiżjonijiet ta' l-impjegati bil-miktub, il-Kamra tkun tista' tieħu d-deċiżjoni finali dwar kif ser titħaddem din is-sistema.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Awwissu '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €34245.02 titħallas skond l-iskeda Nru. 08/09.

***AĠENDA -6***

1. S.Cuschieri ġibdet l-attenzjoni tal-Kamra li l-*area* ta' Għar Ħasan ingħalqet għall-pubbliku mingħajr ma' l-Kunsill ġie infurmat. Hi rrimarkat li l-Kunsill għandu dejjem jiġi avżat b'deċiżjonijiet bħal dawn u l-Kunsill għandu jara ma' l-awtoritajiet ir-raġuni għaliex dan is-sit ingħalaq.

2. B'riferenza għas-Seduta preċedenti, T.Roberts informa l-Kamra li s-servizz tal-WIFI għal komunita' ser ikun *buffered*. Għaldaqstant il-Kamra qablet li għandha toffri dan is-servizz lill-pubbliku. Is-sit magħżul hu taħt il-*gazebo* fil-Bajja s-Sabiħa.

3. R.Zahra rrimarka li hemm bżonn ta' qtugħ ta' ħaxix fi Triq Tal-Ġebel. Ukoll ġibed l-attenzjoni li l-qtugħ ta' ħaxix f'Wied Il-Qoton għadu ma sarx.

4. J.Baldacchino rrimarka li qed ikun hemm ilmenti fuq l-indafa tal-latrini pubbliċi. R.Zahra, *Chairman* ta' l-Ambjent, qiegħed jinvestiga dan il-każ.

5. Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-kwotazzjonijiet għall-*insurance* tal-Kunsill :-

| | | | |
|---|---|---|---|
| Tenderer No. 1 - | Omnitec Ltd. - | Option A | € 2190.38 |
| | | Option B | € 1936.38 |
| | | Option C | € 1234.38 |
| Tenderer No. 2 - | SMS | | € 3287 |
| Tenderer No. 3 - | Melita Unipol | | € 3327 |

Intgħażel Kuntrattur Nru. 1- Omnitec Ltd. - Option A għas-somma ta' € 2190.38 għaliex kellu l-orħos offerta.

6. J.Baldacchino informa l-Kamra li ż-żmien ta' prova għas-Segretarju Eżk. wasal fit-tmiem tiegħu. Għaldaqstant il-Kamra qablet li żżomm il-kuntratt kurrenti li għandha mas-Sinjura Maria Galea sas-sena 2011.

7. Il-Kamra ġiet infurmata li :

a) Saret garanzija bankarja ta' €1165 skond struzzjoni tal-MEPA fir-rigward ta' applikazzjoni għat-tisbiħ tar-*roundabout* fi Triq San Ġorġ.

b) Il-Kunsill daħal sħab ma' sitt lokalitajiet barranin sabiex japplika għal fondi mill-Unjoni Ewropea fil-programm ENPI. Il-proġett li għalih applika l-Kunsill kien dak approvat f'Seduta Nru. 03/09 li saret nhar Il-Erbgħa, 18 ta' Marzu 2009 - Aġenda 2 Korrispondenza Nru. 02/03 nixgħelu l-lampi ornamentali fi 'Ġnien Il-Kunsill Lokali' b'enerġija solari.

c) Fuq direttiva mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali s-sejħa pubblika għal ġbir ta' skart bieb, bieb twaqqfet. Wara Seminar li għalih attendiet is-Segretarju Eżk. flimkien mal-V/Sindku, il-Kunsill qiegħed jistenna aktar struzzjonijiet sabiex tinħareġ din is-sejħa pubblika.

d) Fil-5 ta' Awwissu tnediet inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kamra ġiet mogħtija programm imħejji miċ-*Chairman* ta' l-Ambjent, R.Zahra, dwar l-inizjattivi li ser jieħu l-Kunsill Lokali.

e) Is-Southern Harbour District Joint Committee xolja wara diversi tentattivi sabiex issir laqgħa imma qatt ma ntlaħaq *quorum.* Għalhekk il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ser jibqa' juża s-servizz għal manutenzjoni tad-dawl tat-toroq mingħand Nexos Street Lighting sakemm tinħareġ sejħa pubblika għal manutenzjoni tad-dawl tat-toroq. Dan għandu jseħħ fil-futur qarib.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2009 fis-2.00pm. .
.

| | |
|---|---|
| ........................................ | ............................................. |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

## Schedule of Payments 08/09

## Period 01/08/2009 till 31/08/2009

| Cheque | To | For | Amount Euro |
|---|---|---|---|
| 7420 | Cutajar Carmel | Airconditioning re-position | 159.32 |
| 7419 | Andrew Fleri Soler | Ink + Fax Repair | 105.00 |
| 7421 | Melita Unipol | Travel Insurance for two times | 65.00 |
| 7422 | J. Farrugia Ironmongery | Various Hardware Supplies | 484.04 |
| 7423 | J. Brincat | Newspapers June 09 | 43.82 |
| 7424 | Duraprint | Ink Stamps | 60.16 |
| 7425 | Carmen Debattista | Library Opening July 09 | 100.62 |
| 7426 | ELC | Public Gardens July 09 | 1147.92 |
| 7427 | Dipartiment ta' l-Artijiet | Kera - Dar Birzebbuga | 232.94 |
| 7428 | Central Districts Office | Patching | 4628.69 |
| 7398 | Wage | Support Services 20 days | 499.00 |
| 7410 | Joseph Farrugia | Reimbursed Expenses July 09 | 146.60 |
| 7409 | Anatole Baldacchino | Accountancy Service April - June 09 | 873.52 |
| 7405-08 | Salaries | Salaries and Wages July 09 | 4152.72 |
| 7404 | Inland Revenue | PAYE + NI July 09 | 1074.54 |
| 7429 | Anton Zarb | Hole covers | 219.95 |
| 7430 | Joe Bonnici & Sons | Molbile Toilets | 277.30 |
| 7397 | MEPA | Signs Application Fee | 175.00 |
| 7448 | Smart Office | Stationery | 12.57 |
| 7411 | Amphora Travel | Bucarest Flight Ticket (to be reimbursed 70%) | 490.00 |
| 7447 | AllSec | Office re-wiring | 420.00 |
| 7431 | Energy FM | 1yr advertising Fee | 950.00 |
| 7432 | Vodafone | Telephone Expenses | 39.48 |
| 7433 | MITA | Maintenance & Support July - Sept 09 | 477.58 |
| 7434 | JM Installations | Light repairs | 1047.34 |
| 7435 | Go | Telephone Expenses | 440.86 |
| 7437 | Saviour Mifsud | Mechanical Prominade Sweeping July 09 | 1151.50 |
| 7438 | Bezzina Ronald & Chris | Public Conveniences July 09 | 1017.29 |
| 7439 | RVS Ltd | Refuse Collection August 09 | 6878.90 |
| 7440 | Bezzina Ronald & Chris | Cleaning of Public Places July 09 | 332.92 |
| 7441 | Southern Harbour | Expenses - July 09 | 81.60 |
| 7442 | New Era | Street Cleaning July 09 | 2293.58 |
| 7443 | WasteServe Malta Ltd. | Bring In Sites June 09 | 287.02 |
| 7444 | Ellul Pauline | Office Cleaning July 09 | 95.00 |
| 7445 | Briffa Aluminium Works | Office Partitioning | 3091.08 |
| 7470 | Alfred Schembri & Sons Ltd | Various Civil Work | 571.87 |
| 7446 | Data Protection | Annual Fee | 23.29 |
| 7451 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7449 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 40.00 |
| 7450 | Tony Camilleri | Reimbursed Expenses | 17.00 |
| | | **Total Paid** | **34245.02** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**